



Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9834/1/26
REV 1

Fajls Interistituzzjonali:

2025/0130 (COD)
2025/0131 (COD)
2025/0133 (COD)
2025/0134 (COD)
2025/0172 (COD)
2025/0176 (COD)
2025/0177 (COD)
2025/0359 (COD)
2025/0360 (COD)
2025/0391 (COD)
2025/0393 (COD)
2025/0394 (COD)
2025/0395 (COD)
2025/0396 (COD)
2025/0397 (COD)
2025/0408 (COD)
2025/0409 (COD)
2025/0410 (COD)
2025/0422 (COD)
2025/0424 (COD)
2025/0531 (COD)

SIMPL 121	ENER 288
ANTICI 124	ENT 123
AGRI 433	ENV 583
AGRIFIN 107	FIN 763
BETREG 10	IA 144
CHIMIE 66	IND 372
CLIMA 294	INDEF 109
COH 96	JAI 679
COMPET 640	MAP 114
CONSOM 175	MI 549
CSC 363	POLCOM 198
DATAPROTECT 175	SAN 360
DRS 16	TELECOM 274
ECO 18	TRANS 354
ECOFIN 689	CODEC 1043
EF 164	

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Pakketti leġiżlattivi ta' simplifikazzjoni Omnibus
- Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-isfond tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi¹, minn Ottubru 2024 il-Kunsill Ewropew tenna l-appell tiegħu lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati, biex jissimplifikaw ir-regoli u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali sabiex tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul tal-UE. F'Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew stieden lill-koleġiżlaturi jżommu l-momentum għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni eżistenti, b'mod partikolari billi jaqblu, qabel tmiem l-2026, dwar il-pakketti omnibus pendenti kollha, inkluż omnibus dwar l-IA ambizzjuż sa Lulju 2026. Il-mexxejja stiednu wkoll lill-Kummissjoni tressaq aktar inizjattivi omnibus u inizjattivi oħra ta' simplifikazzjoni, inkluż biex tkompli tħaffef u tissimplifika l-proċeduri tal-ippjanar u tal-permessi, u enfasizzaw l-importanza ta' prinċipju ta' "sempliċità mit-tfassil".
2. S'issa, il-Kummissjoni ressqet għaxar pakketti omnibus, bl-għan li tissimplifika l-leġiżlazzjoni eżistenti f'diversi oqsma, billi tibda bir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u r-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta u ċerti programmi ta' investiment tal-UE, u tissokta b'miżuri ta' simplifikazzjoni għall-agrikoltura, id-diġitalizzazzjoni u speċifikazzjonijiet komuni, il-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, id-difiża, is-sustanzi kimiċi, l-ambjent, is-settur tal-karozzi u s-sikurezza tal-ikel u tal-għalf. Il-Kummissjoni ħabbret tliet proposti Omnibus oħra fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, tnejn li għandhom jiġu ppreżentati f'Ġunju, waħda dwar it-tassazzjoni u oħra dwar il-prodotti tal-enerġija, u waħda li għandha tiġi ppreżentata fir-raba' trimestru dwar iċ-ċittadini.
3. F'konformità mal-oġġettivi stipulati mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2026, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu dwar il-"Pjan Direzzjonali għal Ewropa Waħda, Suq Wieħed" li jistabbilixxi ħames elementi kostitwenti strateġiċi, li l-ewwel wieħed minnhom jikkonċerna s-simplifikazzjoni tar-regoli. Il-Pjan Direzzjonali jistabbilixxi skadenzi prijoritarji għall-finalizzazzjoni tal-pakketti omnibus pendenti kollha fi tmiem l-2026, u l-proposti Omnibus dwar it-tassazzjoni u l-prodotti tal-enerġija sa mhux aktar tard mir-raba' trimestru tal-2027.

¹ Rispettivament "Much more than a market" (Ħafna aktar milli suq) u "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea).

4. Il-pakketti Omnibus I-III ġew iffinalizzati mill-koleġżlaturi matul il-Presidenza Pollakka u dik Daniża (filwaqt li l-Presidenza Ċiprijotta kkonkludiet formalment il-fajl dwar ir-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u r-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fi Frar 2026). Il-korp preparatorju orizzontali ddedikat tal-Kunsill, is-sottogrupp Antici (Simplifikazzjoni) (minn hawn 'il quddiem "AGS"), ikompli jmessi 'l quddiem malajr il-ħidma fuq il-proposti li fadal tal-Kummissjoni għall-pakketti omnibus ta' simplifikazzjoni, kif ukoll – wara deċiżjoni tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti – fuq proposti oħra tal-Kummissjoni mmirati primarjament lejn is-simplifikazzjoni fil-kuntest tat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE.
5. Il-Presidenza Ċiprijotta ttrattat il-proposti omnibus ta' simplifikazzjoni attwali kollha bħala prijorità ewlenija u avvanzat malajr l-eżami tagħhom, it-tnejja ta' mandati ta' negozjar u n-negozjati mal-Parlament Ewropew.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Omnibus IV

6. Il-pakkett Omnibus IV, propost fil-21 ta' Mejju 2025, fih ħames proposti leġislattivi: żewġ proposti li għandhom l-għan li jestendu ċerti miżuri ta' mitigazzjoni għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għall-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (SMCs); żewġ proposti rigward id-diġitalizzazzjoni u l-allinjament tal-ispeċifikazzjonijiet komuni (DCS); u proposta dwar il-mekkaniżmu ta' posponiment dwar ċerti obbligi rigward id-diliġenza dovuta tal-batteriji.
7. L-AGS eżamina l-proposti tal-Kummissjoni minn Mejju 2025. Wara proċedura rapida, ir-Regolament li jipposponi ċerti obbligi ta' diliġenza dovuta tal-batteriji ġie adottat fit-18 ta' Lulju 2025, mingħajr bidliet fil-proposta tal-Kummissjoni².
8. Fl-24 ta' Settembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandati għal negozjati mal-Parlament Ewropew dwar il-proposti pendenti tal-SMC u d-DCS³.

² Ir-Regolament (UE) 2025/1561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jikkonċernaw il-politiki ta' diliġenza dovuta tal-batteriji (ĠU L, 2025/1561, 30.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1561/oj>).

³ 13223/25 + ADD 1; 13224/25; 13232/25; 13233/25.

9. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar dawn il-proposti fil-11 ta' Marzu 2026, u b'hekk ikkonferma d-deċiżjoni tiegħu li jidhlo f'negozjati interistituzzjonali.
10. Sussegwentement, l-ewwel laqgħat ta' trilogu dwar il-proposti Omnibus IV saru fit-13 ta' April 2026 għall-proposti tal-SMC, u fil-15 ta' April 2026 għall-proposti tad-DCS.
11. Wara aktar ħidma teknika u negozjati politiċi abbażi tal-mandati riveduti pprovduti mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-3 ta' Ġunju 2026⁴, u l-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati tat-trilogu li rriżultaw fi ftehimiet proviżorji, **il-Presidenza Ċiprijotta biħsiebha tippreżenta l-eżitu ta' dawn in-negozjati lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti għall-approvazzjoni fl-24 ta' Ġunju 2026.**

Omnibus V

12. Il-**pakkett Omnibus V**, li jiffoka fuq il-Prontezza tad-Difiża, ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2025. Dan jinkludi proposti għal żewġ Regolamenti u Direttiva waħda kif ukoll abbozzi ta' Regolamenti Delegati li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-investimenti fid-difiża u l-kundizzjonijiet għall-industrija tad-difiża, jissimplifikaw l-akkwist fil-qasam tas-sigurtà u dak tad-difiża, u jaċċelleraw l-għoti tal-permessi relatati ma' proġetti tal-prontezza tad-difiża. Il-fajl ġie ttrattat bl-akbar prijorità, f'konformità mas-sejħa mill-Kunsill Ewropew biex tiġi ffinalizzata l-ħidma fuq l-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża bħala kwistjoni ta' urġenza. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandati għal negozjati mal-Parlament Ewropew dwar it-tliet fajls leġiżlattivi kollha fis-26 ta' Novembru 2025⁵.
13. Fil-Parlament Ewropew, id-deċiżjonijiet tal-kumitati konġunti biex jidħlu f'negozjati interistituzzjonali ġew ikkonfermati fil-plenarja fil-21 ta' Jannar 2026. In-negozjati interistituzzjonali tnedew formalment fis-26 ta' Jannar 2026 bl-ewwel trilogi għall-fajls dwar l-għoti tal-permessi u dwar it-trasferimenti intra-UE u l-akkwist fil-qasam tad-difiża, u bi skambju ta' ittri għall-fajl tal-prontezza tad-difiża. It-tieni sett ta' trilogi politiċi sar fit-23 u l-24 ta' Marzu għall-fajls dwar l-għoti tal-permessi u dwar it-trasferimenti intra-UE u l-akkwist fil-qasam tad-difiża.

⁴ 9863/26 + ADD 1–4.

⁵ 16093/25; 16096/25; 16097/25.

14. Fit-18 u d-19 ta' Mejju, sar it-tielet sett ta' trilogi politiċi dwar it-tliet fajls fi Strażburgu. Intlaħaq **ftehim preliminari** bejn il-koleġiżlaturi dwar il-fajls dwar l-għoti tal-permessi u l-prontezza tad-difiża. Il-fajl dwar it-trasferimenti u l-akkwist intra-UE ġie konkluż fi trilogu fl-10 ta' Ġunju 2026. **Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ser jiġi mistieden japprova t-testi ta' kompromess finali fis-17 ta' Ġunju 2026.**

Omnibus VI

15. Il-Kummissjoni ressqet il-**pakkett Omnibus VI** fit-8 ta' Lulju 2025. Dan fih żewġ proposti: proposta dwar mekkaniżmu ta' posponiment rigward id-dati ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fir-Regolament rivedut dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ ta' Sustanzi Kimiċi (ir-Regolament CLP)⁶, u proposta għas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi fir-Regolament CLP, fir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi⁷, u fir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti⁸. L-għan tal-pakkett huwa li jissimplifika r-regoli tat-tikkettar għas-sustanzi kimiċi perikolużi u ċerti regoli għall-kożmetiċi kif ukoll jiffaċilita r-reġistrazzjoni għall-prodotti fertilizzanti fl-UE.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L, 2024/2865, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2865/oj>).

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (riformulazzjoni) (ĠU L 342, 22.12.2009, pp. 59–209, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1223/oj>).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1-114, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj>).

16. Fl-24 ta' Settembru 2025, wara proċedura aċċellerata, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar **mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew dwar il-proposta dwar il-mekkaniżmu ta' posponiment**, mingħajr bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni. Ir-Regolament CLP emendat dwar il-mekkaniżmu ta' posponiment ġie adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2025 u ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-3 ta' Diċembru 2025⁹.
17. Fil-5 ta' Novembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew dwar it-tieni proposta¹⁰. Il-Parlament Ewropew adotta l-mandat għal negozjati tiegħu fid-29 ta' April 2026. Mill-adozzjoni tal-mandat tal-Parlament 'l hawn, saru negozjati interistituzzjonali u nstabu ħafna soluzzjonijiet ta' kompromess tentattivi fil-livell tekniku, filwaqt li għadd ta' kwistjonijiet ewlenin għadhom miftuħa.
18. **Fis-16 ta' Ġunju 2026, fi Strażburgu, il-Presidenza Ċiprijotta għandha l-għan li tilħaq ftehim proviżorju mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.**

Omnibus VII

19. Fid-19 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti li jikkostitwixxu l-**pakkett Omnibus VII**, bl-għan li tissimplifika l-qafas leġiżlattiv diġitali.
20. Il-proposta għall-Omnibus Diġitali dwar l-IA għandha l-għan li tissimplifika u tiċċara xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA¹¹. Waħda mill-bidliet proposti hija l-posponiment tal-applikazzjoni ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet dwar is-sistemi tal-IA b'riskju għoli, li kellhom jibdeu japplikaw fit-2 ta' Awwissu 2026.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2025/2439 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2024/2865 fir-rigward tad-dati tal-applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2025/2439, 3.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2439/oj>).

¹⁰ 15001/25.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj>).

21. Fit-13 ta' Marzu 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat ta' negozjar¹². Bejn is-26 ta' Marzu u t-28 ta' April 2026, saru żewġ trilogi politiċi, u l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat ta' negozjar rivedut. Il-Presidenza Ċiprijotta laħqet ftehim proviżorju mal-Parlament Ewropew fit-tielet trilogu politiku fis-6 ta' Mejju 2026 dwar l-elementi pendenti tat-test, b'mod partikolari dwar projbizzjonijiet ġodda fl-Artikolu 5 tal-Att dwar l-IA, u dwar it-trattament tar-Regolament dwar il-Makkinarju¹³ biex jiġi żgurat livell ta' protezzjoni konsistenti ma' dak previst mill-Att dwar l-IA. Fit-13 ta' Mejju 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-ftehim proviżorju u ta mandat lill-Presidenza biex tibgħat l-ittra konfermatorja lill-Parlament Ewropew¹⁴.
22. **It-test finali tal-Omnibus Diġitali dwar l-IA mistenni jiġi adottat fil-plenarja ta' Ġunju tal-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fid-29 ta' Ġunju 2026.**
23. It-tieni proposta tal-**pakkett Omnibus VII** dwar l-Omnibus Diġitali tintroduċi emendi għall-GDPR inkluż il-modernizzazzjoni tar-regoli dwar il-cookies stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika ("id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika")¹⁵, tħassar id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar ir-relazzjonijiet bejn il-pjattaformi u n-negozji ("ir-Regolament P2B")¹⁶, tikkonsolida r-regoli tas-suq uniku dwar id-data ("Acquis tad-Data"), u tintroduċi mekkaniżmu għal punt uniku ta' rappurtar għall-inċidenti ta' ċibersigurtà u ta' data.

¹² 7322/26.

¹³ Ir-Regolament (UE) 2023/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar il-makkinarju u li jħassar id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 73/361/KEE (ĠU L 165, 29.6.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1230/oj>).

¹⁴ 9247/26.

¹⁵ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj>).

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU L 186, 11.7.2019, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1150/oj>).

24. L-AGS beda jiddiskuti l-proposta f'Novembru 2025. Id-diskussjoni wriet evidenza ta' appoġġ wiesa' għal diversi elementi ta' simplifikazzjoni fil-proposta, filwaqt li enfasizzat kwistjonijiet fejn id-delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar il-proposta tal-Kummissjoni, b'mod partikolari rigward il-ħolqien ta' punt ta' dħul uniku għar-rappurtar ta' inċidenti ċibernetiċi fil-livell tal-UE, it-trasferiment tar-regoli attwali applikabbli għall-cookies skont il-GDPR, u d-definizzjoni ta' data psewdonimizzata bħala li tikkostitwixxi data personali għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-GDPR.
25. **L-objettiv tal-Presidenza Ċiprijotta huwa li jintlaħaq mandat ta' negozjar dwar il-proposta sal-aħħar ta' Ġunju.**

Omnibus VIII

26. Il-pakkett **Omnibus VIII** ġie ppreżentat fl-10 ta' Diċembru 2025 biex jissimplifika l-leġiżlazzjoni ambjentali fl-oqsma tal-emissjonijiet industrijali, l-ekonomija ċirkolari, il-valutazzjonijiet ambjentali u d-data ġeospazjali, u jinkludi sitt proposti leġiżlattivi.
27. L-eżami tal-proposti għal Regolament dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv u Direttiva dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv bħalissa qed jiġi ffinalizzat fil-livell tekniku.
28. Il-proposta għal Regolament dwar it-tħaffif tal-valutazzjonijiet ambjentali (RSEA) kienet aktar kumplessa. Il-punti fokali tan-negozjati kienu l-limiti ta' żmien, il-punt uniku ta' kuntatt (SPOC), li jippermetti flessibilità addizzjonali fir-regoli stipulati fid-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats, kif ukoll sejħa ġenerali minn diversi delegazzjonijiet għal approċċ ġenerali għall-proċessi tal-għoti tal-permessi, filwaqt li nnotaw li r-regoli attwali huma mifruxa f'diversi strumenti leġiżlattivi.
29. L-aħħar proposta li qed tiġi nneozjata b'mod attiv fl-AGS hija l-proposta għal Direttiva fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fl-Unjoni (id-Direttiva INSPIRE). Minkejja n-natura teknika ħafna tal-proposta, in-negozjati bħalissa qed jiġu ffinalizzati fil-livell tekniku.

30. Il-proposti għal Regolament u għal Direttiva li jissospendu l-applikazzjoni ta' ċerti regoli dwar ir-rappreżentanti awtorizzati għar-responsabbiltà estiża tal-produttur ġew ivvalutati b'mod negattiv mid-delegazzjonijiet, anke fid-dawl tal-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li ġej. Il-ħidma fuq il-proposti għalhekk ma tkompletix mill-Presidenza, kif ikkomunikat lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-22 ta' April 2026.
31. **Il-Presidenza Ċiprijotta għandha l-għan li tilħaq mandat ta' negozjar dwar l-erba' fajls li fadal sal-aħħar ta' Ġunju sabiex in-negozjati mal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jibdw malajr.**
32. Fil-Parlament Ewropew, is-sitt fajls kollha ġew allokat lill-Kumitat ENVI, u huwa mistenni li jivvota fuqhom f'Ottubru 2026.

Omnibus IX

33. Bħala parti mill-Pakkett dwar il-Karozzi, ippubblikat mill-Kummissjoni fis-16 ta' Diċembru 2025, il-**pakkett Omnibus IX** għandu l-għan, permezz ta' proposta għal Regolament, li jtaffi l-piż amministrattiv u jnaqqas il-kostijiet għall-manifatturi Ewropej bl-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar, jissimplifika xi rekwiżiti regolatorji għall-vetturi kummerċjali ħfief (vannijiet) elettriċi biex jinċentiva l-adozzjoni tagħhom, jissimplifika l-metodi ta' kejl għall-emissjonijiet skont ir-Regolament Euro 7 u jissimplifika r-rekwiżiti rigward l-istorbju tal-vetturi biex jikkonformaw mal-istandards internazzjonali sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-manifatturi Ewropej. Il-pakkett jinkludi wkoll proposta għal Direttiva li hija marbuta mal-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti regolatorji, b'mod partikolari fir-rigward tal-apparati li jillimitaw il-veloċità, għall-vetturi kummerċjali ħfief (vannijiet) elettriċi biex tiġi inċentivata l-adozzjoni tagħhom.
34. Id-diskussjoni fl-AGS tat evidenza ta' appoġġ wiesa' għal diversi elementi ta' simplifikazzjoni fil-pakkett, filwaqt li enfasizzat kwistjonijiet fejn il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet huma maqsumin ħafna, minħabba wkoll ir-rabta ma' partijiet oħra tal-Pakkett dwar il-Karozzi u proposti leġiżlattivi oħra attwalment fuq il-mejda (eż. l-Att dwar l-Aċċelleratur Industrijali). Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-ħolqien ta' subkategorija ġdida ta' karozzi tal-passiġġieri għal vetturi elettriċi żgħar affordabbli (il-kategorija "M1E").

35. Fl-1 ta' April ntabbet gwida mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, b'mod partikolari dwar il-kategorija M1E. Abbażi ta' dan, tkompli l-ħidma fl-AGS dwar testi ta' kompromess possibbli.
36. **Il-Presidenza Ċiprijotta għandha l-għan li tilħaq qbil dwar mandat ta' negozjar biex in-negozjati interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jibdew malajr.**
37. Fil-Parlament Ewropew, il-ħidma fuq ir-Regolament taqa' taħt ir-responsabbiltà konġunta tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), il-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN), filwaqt li d-Direttiva ġiet allokata esklużivament lill-Kumitat TRAN. Huwa mistenni li l-PE jivvota fuq ir-rapporti tiegħu f'Novembru.

Omnibus X

38. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni adottat il-**pakkett Omnibus X**, li kien tħabbar fil-Viżjoni tal-Kummissjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel¹⁷ u li għandu l-għan li jnaqqas il-piżijiet regolatorji bla bżonn filwaqt li jżomm standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, u għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent. Il-pakkett jinkludi tliet proposti leġiżlattivi: minn naħa waħda, proposta urġenti li tissimplifika ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar il-prodotti bijoċidali billi testendi ċerti perjodi ta' protezzjoni tad-data u, min-naħa l-oħra, "*proposta għal Direttivi*" u "*proposta għal Regolamenti*" dwar is-simplifikazzjoni u t-tiħiħ tar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf f'għadd ta' strumenti leġiżlattivi dwar il-pestiċidi, kwistjonijiet veterinarji u dawk relatati mal-ikel.
39. Il-ftehim dwar il-proposta għar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali fir-rigward tal-perjodi ta' protezzjoni tad-data ntlaħaq malajr mill-koleġiżlaturi, mingħajr bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni. It-test ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fis-26 ta' Mejju 2026¹⁸.

¹⁷ 6385/25.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2026/1165 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2026 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 fir-rigward tal-estensjoni ta' ċerti perjodi ta' protezzjoni tad-data (ĠU L, 2026/1165, 26.5.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1165/oj>).

40. L-element ewlieni tal-proposta għal Direttivi huwa li temenda d-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi ("SUD")¹⁹ billi tintroduċi derogi għall-projbizzjoni ġenerali tal-applikazzjoni mill-ajru tal-pestiċidi sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tad-droni għall-applikazzjoni mmirata tal-pestiċidi li jistgħu jippreżentaw riskju ekwivalenti jew saħansitra aktar baxx mill-applikazzjonijiet tal-pestiċidi bbażati fuq l-art.
41. Fis-27 ta' Mejju 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar **mandat dwar il-proposta għal Direttivi għal negozjati mal-Parlament Ewropew**²⁰ li għandhom isiru flimkien mal-proposta għal Regolamenti.
42. Il-proposta għal Regolamenti fiha dispożizzjonijiet emendatorji mmirati lejn is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għal prodotti użati fil-produzzjoni tal-ikel u l-għalf identifikati bħala partikolarment ta' piż mill-industrija u l-awtoritajiet.
43. Fis-27 ta' Mejju 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta gwida rigward l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu (MRLs), abbażi tal-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza tat-22 ta' Mejju 2026²¹. Peress li l-abbozz ta' mandat propost mill-Presidenza Ċiprijotta fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-12 ta' Ġunju 2026 ma kellux biżżejjed appoġġ, **il-Presidenza ser tkompli d-diskussjonijiet fil-perspettiva ta' qbil dwar mandat għall-proposta għal Regolamenti.**
44. Fil-Parlament Ewropew, kemm il-proposta għal Direttivi kif ukoll il-proposta għal Regolamenti ġew allokat lill-Kumitat konġunt għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) u lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI). Huwa mistenni li r-rapporti jiġu vvutati mill-Kumitat konġunt f'Ottubru.

¹⁹ Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj>).

²⁰ 9737/26.

²¹ 9642/26.

III. KONKLUŻJONI

45. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress u jibagħtu lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali għal-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2026.
-